**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 20 ta' Novembru 2019**

**Rikors Numru : 243/2019 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**CB**

**vs**

**MB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' CB, datat 24 ta' Mejju 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Il-kontendenti zzewgu nhar id-9 ta' Settembru, 1989 u dan kif inhu konfermat fic-certifikat taz-zwieg hawn anness u market bhala Dok. A.*

*Minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett itfal, T, K1, K2 ahwa B, illum ilkoll maggiorenni.*

*Filwaqt li l-partijiet ilhom de facto separati mis-sena 2012 huma nfirdu legalment permezz tas-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) moghtija nhar l-4 ta' Ottubru, 2017, liema sentenza giet appellata u sussegwentament saret res judicata permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell datata il-31 ta' Jannar, 2019. (sentenzi hawn annessi u mmarkati bhala Dok. C1 u C2 rispettivament).*

*M'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom stante illi*

*minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.*

*L-esponenti m'ghandhu l-ebda obbligu ta' somministrazzjoni ta' manteniment fil-konfront tal-attrici jew l-ulied.*

*In vista tal-fatti suesposti, il-kontendenti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghalhekk l-esponenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex fi zmien imholli mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi regsitrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' MB, datata 8 ta' Awissu 2019, a fol 59, li taqra hekk:

1. *Illi hija taqbel mal-fatti kif esposti fir-rikors ta' CB fl-intier taghhom u tiddikjara ghalhekk li taqbel li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha.*

2. *Illi hija qed titlob wkoll illi tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "G".*

3. *Illi l-intimata tissottometti li fic-cirkostanzi ma ghandha tbati l-ebda spejjez.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CB** xehed illi l-partijiet izzewgu fid-9 ta' Settembru 1989, u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal li llum -il gurnata huma kollha maggorenni. Xehed illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fl-4 t'Ottubru 2017, li giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019. Xehed illi skont l-imsemmija sentenza, m'hemm l-ebda manteniment dovut lill-konvenuta jew lil ulied il-partijiet, u li m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament sa mill-2012, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**MB** xehdet u kkonfermat u kkorroborat x-xhieda moghtija mill-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-***

***separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-9 ta' Settembru 1989 (Vide Dok. A certifikat taz-zwieg fol 4) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett itfal, illum maggorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' sentenza moghtija l-4 ta' Ottubru 2017, liema sentenza giet appellata u saret res judicata mil-Qorti tal-Appell, datata 31 ta' Jannar 2019 (vide Dok. C1 u C2 fol 4A et seqq.). Jirrizulta wkoll illi l-partijiet ilhom separati *de facto* sa mis-sena 2012.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pruvat ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxilhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, tawtorizza lil MB sabiex tirriverti lura ghal kunjom xbubita u cioe G, u**

**tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**